**NOMINA TA' DOTT. OMAR SEGUNA GĦALL-ĦATRA**

**TA' AMBAXXATUR TA' MALTA, MHUX RESIDENTI ĠEWWA S-SEYCHELLES**

*Mistoqsijiet sottomessi mill-Membri tal-Gvern*

1. X'taħseb li huma l-isfidi li qed tara fil-pajjiż rispettiv fejn se tinħatar bħala Ambaxxatur? U kif qiegħed tara dawn l-isfidi jiġu indirizzati f'dan il-pajjiż?

Bħala Ambaxxatur ġdid għas-Seychelles, nara diversi sfidi li jistgħu jinfluwenzaw ir-relazzjonijiet bejn iż-żewġ pajjiżi, iżda wkoll opportunitajiet biex dawn jiġu indirizzati b'mod effettiv.

Ta' min ngħidu li Malta u s-Seychelles għandhom relazzjoni kummerċjali li qed tkompli tissaħħaħ permezz ta' diversi inizjattivi u ftehimiet bilaterali. Insemmi fost oħrajn, skont l-Observatory of Economic Complexity (OEC), fl-2022, fejn is-Seychelles esportat lejn Malta prodotti b'valur ta' $15.3 miljun, li jinkludu dgħajjes rikreattivi ($14.9M) u ħut ipproċessat ($399k). Fl-istess sena, Malta esportat lejn is-Seychelles prodotti b'valur ta' $484k, fosthom ċereali ($167k) u ikel għall-annimali ($39.3k).

Il-ħidma tiegħi tkompli mat-tajjeb li sar anke fil-qafas tal-inizjattiva 'Island for Islands' bl-għan biex tippromwovi djalogu u kooperazzjoni fost stati gżejjer, b'enfasi fuq is-settur turistiku u l-ekonomija blu. F'Mejju 2023, iż-żewġ pajjiżi ffirmaw żewġ MoUs biex isaħħu l-kooperazzjoni f'oqsma bħall-edukazzjoni, is-saħħa, it-turiżmu, l-enerġija rinnovabbli, is-sajd, u l-ekonomija blu.

Bħal kull pajjiż ieħor hemm diversi sfidi, ngħidu aħna il-**bidla fil-klima** li hija ta' tħassib partikolari, minħabba l-impatt tagħha fuq il-livell tal-baħar u l-ekosistema fraġli tal-gżejjer. It-turiżmu sostenibbli huwa wkoll sfida, biex jiġi żgurat li t-tkabbir ekonomiku ma jikkawżax ħsara ambjentali. Id-**diversifikazzjoni tal-ekonomija**, li bħalissa hija dipendenti ħafna fuq it-turiżmu, hija essenzjali biex jiġi żgurat żvilupp sostenibbli fit-tul. Il-gvern tas-Seychelles qed jaħdem b'mod attiv biex jindirizza dawn l-isfidi. Qed jiġu implimentati strateġiji biex jittaffa l-impatt tal-bidla fil-klima, u qed isiru sforzi biex jiġi promoss turiżmu responsabbli. Barra minn hekk, qed jiġu esplorati opportunitajiet ġodda f'setturi bħas-sajd sostenibbli u l-ekonomija blu.

Naf li l-kooperazzjoni fil-qasam tas-**sigurtà marittima** hija prijorità, b'enfasi fuq it-taħriġ, il-qsim ta' informazzjoni, u l-ġlieda kontra l-kriminalità marittima. Nifhem u se nkun qed insegwi l-ħidma bejn Malta u s-Seychelles biex isaħħu r-relazzjonijiet kummerċjali tagħhom u jespandu l-kooperazzjoni f'oqsma ta' interess komuni.

Billi jiena fid-dmir li nsaħħaħ il-koperazzjoni bejn Malta u s-Seychelles f'oqsma ta' interess komuni, fid-dawl ta' dawn l-isfidi ser nara kif **nista' niffaċilita d-djalogu**. F'dak li għandu x'jaqsam ma' ngħidu aħna **l-kummerċ u l-investiment** bejn is-Seychelles u Malta. Nifhem li rrid naħdem aktar dwar fuq ħolqien ta' ftehimiet ġodda ta' kooperazzjoni, u nagħti każ is-setturi emerġenti bħat-teknoloġija, l-enerġija rinnovabbli u s-servizzi finanzjarji. Il-qasam tiegħi tal-edukazzjoni huwa kruċjali sabiex niżgura li hemm il-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa biex

jappoġġjaw dan it-tkabbir. Billi ninvestu f'programmi ta' taħriġ u kollaborazzjonijiet akkademiċi bejn Malta u s-Seychelles, nistgħu ngħinu biex inrawmu professjonisti kwalifikati fis-setturi strateġiċi bħat-teknoloġija, l-enerġija rinnovabbli u s-servizzi finanzjarji.

Se nagħmel ħilti biex nippromowovi l-aħjar prattiċi u Malta għandha esperjenza f'oqsma bħall-governanza tal-ilma, l-enerġija nadifa, u s-sostenibbiltà.

Nixtieq naħdem biex jissaħħu l-**iskambji kulturali u edukattivi** bejn il-pajjiżi tagħna, sabiex inrawwmu fehim u kollaborazzjoni aktar mill-qrib bejn in-nies taż-żewġ naħat. Dan jista' jsir permezz ta' programmi ta' skambju akkademiku, avvenimenti kulturali u inizjattivi konġunti li jippromwovu d-diversità u l-wirt uniku taż-żewġ pajjiżi.

Bħala Ambaxxatur, se niffoka fuq it-tisħiħ tal-kollaborazzjoni f'setturi strateġiċi, billi nsaħħu l-kummerċ, inħeġġu investiment sostenibbli, u niffaċilitaw programmi ta' skambju edukattiv u kulturali. B'dedikazzjoni u ħidma attiva, nimmira li nkompli nibni fuq ir-relazzjoni sħiħa bejn is-Seychelles u Malta għal aktar ġid sostenibbli għal kulħadd.

2. X'inhuma l-binarji, b'mod ġenerali, li beħsiebek taħdem fuqhom f'każ li tinħatar Ambaxxatur?

Bħala Ambaxxatur tas-Seychelles f'Malta, l-għan ewlieni tiegħi hu li nsaħħaħ ir-relazzjonijiet bilaterali u noħloq opportunitajiet ġodda ta' kollaborazzjoni f'oqsma strateġiċi.

Qabel xejn nipprova nsaħħaħ ir-relazzjonijiet ekonomiċi u kummerċjali, billi **niffaċilita investimenti**, nenfasizza s-setturi emerġenti bħat-teknoloġija, is-servizzi finanzjarji u l-enerġija rinnovabbli, u nħeġġeġ negozji miż-żewġ pajjiżi biex jesploraw opportunitajiet ġodda ta' kollaborazzjoni. Nixtieq ukoll nesplora xi programmi hemm fl-Unjoni Ewropea fosthom il-European Development Fund (EDF) li jistgħu jgħinnu biex isaħħu l-industrija tal-pajjiż.

It-tieni binarju importanti huwa l-**kooperazzjoni fis-settur tat-turiżmu**, peress li dan huwa pilastru ewlieni tal-ekonomija taż-żewġ pajjiżi. Nixtieq naħdem biex niżviluppa inizjattivi li jsaħħu l-iskambji turistiċi u nippromwovi t-turiżmu sostenibbli, li huwa vitali kemm għal Malta kif ukoll għas-Seychelles.

Il-ħidma fuq kwistjonijiet ambjentali u ta' **sostenibbiltà** hija wkoll prijorità għalija. Malta u s-Seychelles għandhom sfidi komuni relatati mal-bidla fil-klima u l-protezzjoni tal-ibħra u r-riżorsi naturali. Se nfittex li nsaħħaħ il-kollaborazzjoni f'dan il-qasam, billi nippromwovu inizjattivi konġunti u niffaċilitaw l-iskambju tal-aħjar prattiki bejn iż-żewġ pajjiżi.

Fl-aħħar nett, permezz ta' programmi ta' skambju akkademiku, kollaborazzjoni universitarja, u avvenimenti kulturali, nistgħu nibnu relazzjonijiet iktar profondi bejn in-nies taż-żewġ pajjiżi u nrawwmu fehim reċiproku aktar b'saħħtu.

L-għan tiegħi bħala Ambaxxatur huwa li niżviluppa inizjattivi konkreti fuq dawn il-binarji, li jġibu benefiċċji konkreti għaż-żewġ pajjiżi u jsaħħu s-sħubija bejn is-Seychelles u Malta fit-tul.

3. Bħala Ambaxxatur, kif tara li x-xogħol tiegħek jista’ jwassal sabiex jiżdiedu u jitjiebu r-rabtiet politiċi u soċjali ma' pajjiżna?

Bħala Ambaxxatur tas-Seychelles, se naħdem biex insaħħaħ u napprofondixxi r-rabtiet politiċi u soċjali bejn pajjiżna u Malta. **L-istorja, il-valuri komuni u l-viżjoni tagħna għall-futur** jagħmlu din il-kollaborazzjoni waħda b’saħħitha u ta’ benefiċċju reċiproku

Fil-qasam politiku, naħdem biex inżid id-djalogu u l-kollaborazzjoni bejn iż-żewġ pajjiżi fuq livell bilaterali u f’fora internazzjonali bħall-**Commonwealth**. Dan jista’ jwassal għal ftehimiet reċiproċi f’setturi bħat-turiżmu, il-kummerċ u l-ambjent.

Fuq livell soċjali, nemmen li nistgħu nsaħħu l-iskambji kulturali u edukattivi (anke online), li mhux biss jgħinu biex insiru nafu aħjar lil xulxin, iżda wkoll joħolqu opportunitajiet ġodda għaċ-ċittadini taż-żewġ pajjiżi. Bħala edukatur jiena nara l-programmi li familjari magħhom bħalma huma l-British Council Connecting Classrooms jistgħu jkunu għodda essenzjali biex miċ-ċokon nibnu l-ħiliet essenzjali mhux biss dawk ta’ kollaborazzjoni imma wkoll fid-diversi suġġetti li l-istudenti taż-żewġ gżejjer ikunu qed jaħdmu dwarhom u huma kruċjali għall-futur tagħhom u biex naċċertaw li l-industrija ssib persuni kwalifikati. Permezz ta’ inizjattivi bħal programmi ta’ studenti, wirjiet kulturali u kollaborazzjonijiet f’oqsma bħall-konservazzjoni ambjentali, nistgħu nżidu l-fehim reċiproku u l-ħbiberija bejn is-Seychelles u Malta.

L-għan tiegħi bħala Ambaxxatur huwa li naħdem b’viżjoni ċara u b’impenn biex inressaq iż-żewġ pajjiżi eqreb lejn xulxin. Billi nsaħħu r-rabtiet politiċi, insostnu l-kooperazzjoni ekonomika unibnu sħubija fit-tul li tkun ta’ benefiċċju għaċ-ċittadini tagħna u għas-setturi strateġiċi taż-żewġ pajjiżi. Nemmen li **Malta għandha sieħeb strateġiku** biex tidħol fis-swieq Afrikani, tespandi s-settur finanzjarju, u ssaħħaħ l-influwenza tagħha f’fora internazzjonali.

4. Liema taħseb li huma l-isfidi prinċipali li għandna negħlbu sabiex insaħħu r-relazzjoni bejn iż-żewġ pajjiżi?

L-ewwel sfida ewlenija hija li ntejbu l-għarfien ta' kif Malta tista' tibni relazzjonijiet strateġiċi mas-Seychelles b’mod li jkun ta’ benefiċċju għaż-żewġ pajjiżi. Il-ħatra tiegħi bħala Ambaxxatur toffri opportunità biex niffukaw fuq oqsma fejn **Malta tista' tespandi l-kollaborazzjoni**, partikolarment f’oqsma bħall-kummerċ, l-edukazzjoni, u s-settur marittimu. Għalkemm is-Seychelles hija magħrufa f’Malta prinċipalment bħala destinazzjoni turistika, hemm potenzjal akbar għal skambji ekonomiċi u diplomatiċi li jistgħu jsaħħu r-relazzjoni bejn iż-żewġ pajjiżi. Għaldaqstant, prijorità tiegħi se tkun li nara kif Malta tista’ tistabbilixxi kollaborazzjonijiet strateġiċi li jġibu valur miżjud għall-ekonomija u l-pożizzjoni internazzjonali tagħha.

Imbagħad għandna sfidi oħra li nistgħu **nitgħallmu mill-esperjenza ta’ xulxin** u b’hekk anke nsaħħu r-relazzjoni tagħna. Ngħidu aħna, f’dak li għandu x’jaqsam mal-kummerċ u l-investiment bejn iż-żewġ pajjiżi. Għalkemm Malta u s-Seychelles għandhom ekonomiji b’saħħithom f’ċerti setturi bħat-turiżmu u s-servizzi finanzjarji, il-kollaborazzjoni kummerċjali

għadha ristretta. Naraw kif nistgħu noħolqu aktar opportunitajiet għal negozji miż-żewġ pajjiżi biex jaħdmu flimkien, niżviluppaw ftehimiet ġodda u niffaċilitaw investiment f'oqsma strateġiċi bħat-teknoloġija u l-enerġija rinnovabbli.

Il-bidla fil-klima hija sfida komuni li taffettwa ż-żewġ pajjiżi, speċjalment billi huma stati kostali u dipendenti fuq it-turiżmu u r-riżorsi naturali. Jekk nikkollaboraw fuq soluzzjonijiet sostenibbli, nistgħu nagħmlu impatt pożittiv u nibbenefikaw miż-żieda fil-kooperazzjoni f'dan il-qasam.

Sfidi oħra komuni huma l-ġlieda kontra droga, żvilupp sostenibbli li aċċennajt għaliha qabel, kif ukoll f'dak li għandu x'jaqsam mas-sajd.

Min-naħa tiegħi, fil-**qasam edukattiv** nista' naħdem biex noħloq aktar opportunitajiet edukattivi bejn iż-żewġ pajjiżi. Malta diġà għandha esperjenza vasta fil-qasam tal-**ħiliet diġitali** u programmi ta' taħriġ bħall-Prince's Trust, u nara potenzjal kbir f'kollaborazzjoni ma' Seychelles f'dan il-qasam.

Ikun tajjeb kieku negħlbu l-isfida hija l-konnettività bejn iż-żewġ pajjiżi. Minħabba d-distanza ġeografika u n-nuqqas ta' **titjiriet** diretti jew rotot kummerċjali stabbiliti b'saħħithom, isir aktar diffiċli li jiżdiedu l-iskambji kummerċjali u turistiċi.

Bħala Ambaxxatur, se naħdem biex negħlbu dawn l-isfidi billi nsaħħaħ id-djalogu, noħloq opportunitajiet ġodda ta' kooperazzjoni, u niżviluppa pjanijiet biex nagħtu spinta lir-relazzjonijiet bejn is-Seychelles u Malta fit-tul

5. X'taħseb li huma n-niċeċ li nistgħu nsibu sinerġiji fuqhom bejn Malta u l-pajjiż rispettiv li int se tkun se tirrappreżenta lil pajjiżna?

Minkejja d-distanzi relattivament kbar bejn iż-żewġ gżejjer hemm xebh. Qabel xejn il-fatt li huma t-tnejn **gżejjer**. It-tnejn jiddependu ħafna fuq it-turiżmu u s-settur tas-sajd għandu rwol kruċjali fl-ekonomija tal-pajjiż.

Nemmen li hemm diversi niċeċ fejn nistgħu nsibu sinerġiji bejn Malta u s-Seychelles. L-ewwelnett, it-turiżmu sostenibbli huwa qasam importanti fejn iż-żewġ pajjiżi jistgħu jikkollaboraw biex jippromwovu prattiki li jirrispettaw l-ambjent u jattiraw turisti li japprezzaw l-ambjent naturali. Bħala Ambaxxatur Malti għas-Seychelles, inħares lejn il-possibbiltajiet ta' kollaborazzjoni fit-turiżmu bejn iż-żewġ pajjiżi. Malta, apparti mix-xemx u l-baħar, toffri wkoll storja rikka, siti tal-**UNESCO**, u esperjenzi kulturali uniċi. Bl-istess mod, nistgħu nitgħallmu minn kif Seychelles jippreżentaw il-prodott turistiku tagħhom, b'mod sostenibbli u b'valur miżjud

It-tieni, is-**sajd** sostenibbli huwa qasam ieħor fejn nistgħu naħdmu flimkien biex niżguraw li r-riżorsi tal-baħar jiġu ġestiti b'mod responsabbli. Barra minn hekk, il-kooperazzjoni fil-qasam tal-azzjoni klimatika tista' tkun ta' benefiċċju għaż-żewġ pajjiżi, peress li naqsmu l-għarfien u r-riżorsi biex nindirizzaw l-isfidi tat-tibdil fil-klima. Tista' tkun ta' opportunità wkoll għall-**kumpaniji Maltin li jaħdmu fil-qasam marittimu** biex jipprovdu taħriġ mill-esperjenza li aħna għandna.

Fl-aħħar nett, **ir-rabtiet kulturali u edukattivi** jistgħu jkunu pedament **essenzjali** biex insaħħu l-ħbiberija bejn iż-żewġ pajjiżi. Permezz ta' skambji edukattivi, **wirjiet kulturali, u**

**kollaborazzjoni akkademika**, nistgħu noħolqu rabtiet dejjiema li jkomplu jsaħħu s-sħubija bejn Malta u s-Seychelles għal ġenerazzjonijiet futuri.

6. Kif tara li għandna nsaħħu r-relazzjonijiet kummerċjali u ekonomiċi bejn iż-żewġ pajjiżi rispettivi?

Bħala Ambaxxatur Mhux Residenti ta' Malta għas-Seychelles, nemmen li hemm potenzjal kbir biex insaħħu r-relazzjonijiet kummerċjali u ekonomiċi bejn iż-żewġ pajjiżi. Għalhekk, se nħeġġeġ aktar skambji f'setturi lil hinn mit-turiżmu u s-sajd, inklużi t-teknoloġija**, l-enerġija rinnovabbli, u s-servizzi finanzjarji.** Iż-żewġ gżejjer għandhom pożizzjonijiet ġeografiċi ħafna: Malta tista' sservi bħala pont għall-Unjoni Ewropeja kif ukoll mill-banda l-oħra s-Seychelles **joffri opportunità għal kumpaniji Maltin** biex jespandu fir-reġjun tal-Oċean Indjan permezz tas-Seychelles.

L-għan tiegħi huwa li nippromwovi lil Malta bħala ċentru ekonomiku kompetittiv u niffaċilita opportunitajiet ta' investiment mis-Seychelles.

Fl-istess waqt, kif għidt qabel, nemmen li l-iskambji kulturali u edukattivi jistgħu jkunu mezz biex jinbnew relazzjonijiet kummerċjali aktar b'saħħithom. Għalhekk, ninsab impenjat li nippromwovi aktar kollaborazzjoni f'dawn l-oqsma u li nħeġġeġ prattiki ekonomiċi sostenibbli li jibbenefikaw lill-ekonomiji taż-żewġ pajjiżi fit-tul.

7. F'dan ir-rigward, tara li hemm trattati li jistgħu jitħaddmu aħjar bejn iż-żewġ pajjiżi? Jew trattati oħra li għandhom jiġu esplorati għaż-żmien li ġej?

Tajjeb ngħidu li bejn Malta u s-Seychelles diġà jeżistu ftehimiet importanti li jistgħu jitħaddmu aħjar għal benefiċċju taż-żewġ pajjiżi. Fit-21 ta' Mejju 2019, il-Kummissarju Għoli ta' Malta fir-Renju Unit, Joseph Cole, u l-Kummissarju Għoli tas-Seychelles iffirmaw **Memorandum ta' Ftehim (MoU)** biex jistabbilixxu konsultazzjonijiet politiċi bilaterali. Dan il-ftehim għandu l-għan li joħloq mekkaniżmu għal djalogu regolari fuq livell diplomatiku, li jista' jservi ta' bażi biex jiġu esplorati oqsma ġodda ta' kollaborazzjoni.

Barra minn hekk, is-Seychelles għandhom ftehim ta' sħubija dwar is-sajd sostenibbli mal-Unjoni Ewropea, li Malta hija stat membru tagħha. Dan il-ftehim jirregola r-relazzjonijiet fil-**qasam tas-sajd bejn l-UE u s-Seychelles**.

Huwa importanti li nevalwaw dawn il-ftehimiet biex niżguraw l-aħjar implimentazzjoni tagħhom u nidentifikaw opportunitajiet għal kooperazzjoni fil-ġejjieni.

8. Taħseb li hemm lok għal iżjed koperazzjoni fil-qasam tat-turiżmu bejn iż-żewġ pajjiżi rispettivi?

Iva, nemmen li hemm lok sostanzjali għal aktar koperazzjoni fil-qasam tat-turiżmu bejn Malta u s-Seychelles. Iż-żewġ pajjiżi għandhom settur turistiku b'saħħtu, u jistgħu jibbenefikaw minn skambji ta' esperjenza, strateġiji ta' kummerċjalizzazzjoni, u inizjattivi konġunti.

Waħda mill-opportunitajiet tista' tkun il-promozzjoni ta' turiżmu sostenibbli, fejn Malta u s-Seychelles jistgħu jaqsmu prattiki tajbin biex jattiraw turisti b'mod li jirrispetta l-ambjent u l-kultura lokali. Barra minn hekk, nistgħu nesploraw niċeċ turistiċi ġodda, bħal turiżmu reliġjuż, fejn Malta għandha ħafna x'toffri minħabba l-wirt storiku u l-postijiet sagri tagħha. Jista' jkun hemm potenzjal għal aktar skambji f'dan il-qasam, jekk ikun hemm interess min-naħa tas-Seychelles

Skambji kulturali u kollaborazzjonijiet f'avvenimenti turistiċi jistgħu wkoll isaħħu d-djalogu bejn il-pajjiżi tagħna u jippromwovu l-wirt storiku u kulturali uniku taż-żewġ naħat. B'koperazzjoni eqreb, nistgħu nagħmlu t-turiżmu forza ekonomika saħansitra iktar b'saħħitha għal Malta u s-Seychelles.

9. Fuq livell ta' politika Ewropea u Internazzjonali, tara bejn iż-żewġ pajjiżi rispettivi li jistgħu isaħħu l-koperazzjoni bejniethom b'mod partikolari fuq livell ta' Unjoni Ewropea?

Nemmen li hemm lok sostanzjali għal kooperazzjoni aktar mill-qrib bejn Malta u s-Seychelles fuq livell ta' politika Ewropea u Internazzjonali. Malta, bħala membru tal-Unjoni Ewropea, tista' tgħin lis-Seychelles biex tissieħeb f'inizjattivi internazzjonali u politiki li jinkludu temi bħat-turiżmu sostenibbli, it-tkabbir ekonomiku, u l-iżvilupp tal-enerġija rinnovabbli.

Fuq il-livell tal-UE, Malta tista' tippromwovi aktar kollaborazzjoni bejn is-Seychelles u l-Unjoni Ewropea, speċjalment f'oqsma ta' politiki ekonomiċi u soċjali. Bħala parti mill-Politika Ewropea tas-Sigurtà u l-Politika ta' Sostenibbiltà, Malta tista' ssaħħaħ is-sħubija ma' s-Seychelles, għax iż-żewġ pajjiżi jaqsmu interessi f'ħafna kwistjonijiet globali bħal ambjent, klimat, u kooperazzjoni internazzjonali

Kif diġa' semmejt, anke hawn nara ħafna opportunita' għall-Maltin bħal ngħidu aħna fil-qasam legali u ta' konsultazzjoni.

10. Tista' tispjega lill-Kumitat dwar jekk kontx involut matul il-karriera tiegħek fi ħdan il-Korp Diplomatiku u/jew il-Ministeru tal-Affarijiet Barranin?

Għalkemm ma kellix esperjenza diretta fi ħdan il-Korp Diplomatiku, matul il-karriera tiegħi ħdimt ħafna fil-qasam Ewropew u anke Internazzjonali. Biex nagħti eżempji, fl-2011 kont ħadt sehem fi proġett tal-British Connecting Classroom fejn ikkollaborajt ma' tliet pajjiżi oħra: l-Irlanda, Ċipru u l-Ukrajna. Iltqajna fiz-zona tal-Nazzjonijiet Uniti f'Nicosia u hemm bdejt nitgħallem nisma' dwar id-differenzi li jkun hemm imma fl-aħħar mill-aħħar il-possibiltajiet għal soluzzjonijiet. Ta' min jgħid li fil-grupp kellna miż-żewġ partijiet ta' Ċipru kif ukoll mil-lvant u l-Punent tal-Ewropa. Meta sirt għalliem ta' sapport fil-qasam tal-eLearning u issa fi ħdan id-Direttorat tal-Litteriżmu Diġitali għandna l-unit tal-eTwinning. Jiena mill-bidu kelli kont kemm fil-pjattaforma tal-eTwinning kif ukoll fil-**European School Education Platform** li llum saru ħaġa waħda. Bħala Uffiċjal Edukattiv jiena ħdimt ħafna fil-qrib tal-European Schoolnet ukoll fil-fatt irrapreżentajt lill-Ministeru tiegħi f'żewġ working groups importanti li huma dawk taċ-Ċittadinanza Diġitali mill-2016 u għal perjodu qasir tal-Innovative Classrooms

Ħdimt ukoll f'numru ta' proġetti marbuta mal-Erasmus insemmi ftit biss, il-Facts4All fejn ħloqna MOOC dwar il-ħiliet kruċjali dwar l-għarfien ta' informazzjoni falza jew qarrieqa. F'dawn l-aħħar snin ħdimt fi proġett tal-Asia-Europe Foundation fejn żort ukoll Slovenia fl-2023 u l-Filippini fl-2024. Din tagħtni dimensjoni internazzjonali aktar wiesgħa u mhux biss Ewropeja.

Ta' min ngħid ukoll li għal numru ta' snin jiena servejt bħala Segretarju Internazzjonali tal-Għaqda Poeti Maltin ikkollaborajt bil-bosta ma' diversi pajjiżi fosthom l-Italja, l-Awstalja u anke ma' grupp ta' poeti f'Derby fejn anke kont iltqajt magħhom fl-Ingilterra. F'dan iż-żmien ukoll konna norganizzaw l-inizjattiva magħrufa bħala l-"Mitt elf poeta għal paċi".

11. Tista' tindika x'karigi għandek fil-preżent u jekk kemm-il darba tinħatar bħala Ambaxxatur, hux se tkun qed iżżomm xi kariga minnhom?

Jiena Uffiċjal Edukattiv u l-ħsieb tiegħi huwa li nżomm din il-kariga meta niġi maħtur bħala Ambaxxatur ta' Malta mhux residenti għas-Seychelles.

12. Tista' tindika jekk għandekx xi attivitajiet kummerċjali? Jekk iva, tista' tindika jekk dawn l-attivitajiet kummerċjali jikkostitwixxux xi kunflitt ta' interess ma' din il-kariga prospettiva?

M'għandix attivitajiet kummerċjali.

13. Tista' tinforma lill-kumitat jekk diġà kellekx jew għandekx xi rabtiet jew investimenti kummerċjali mal-pajjiż rispettiv?

M'għandix rabtiet jew investimenti kummerċjali ma' Seychelles.

*Mistoqsijiet sottomessi mill-Membri tal-Oppożizzjoni*

1. Kif tiddeskrivi r-rwol ta' Ambaxxatur ta' Malta mhux residenti għas-Seychelles?

Bħala Ambaxxatur mhux residenti ta' Malta għas-Seychelles, ir-rwol tiegħi huwa li nirrappreżenta uffiċjalment il-Gvern ta' Malta f'dan il-pajjiż, minkejja li ma jkollix residenza permanenti hemmhekk.

Fost id-dmirijiet tiegħi nara li nseddaq ir-**relazzjonijiet bilaterali** u nkompli nsaħħaħ ir-rabtiet politiċi, ekonomiċi u kulturali bejn Malta u s-Seychelles. **Nistinka għal koperazzjoni reċiproka** f'oqsma kruċjali bħat-turiżmu, il-kummerċ, l-edukazzjoni u s-sostenibbiltà ambjentali.

Se nkun ukoll qed nirrappreżenta lil Malta f'fora u **avvenimenti uffiċjali**. Fejn mitlub u bil-preżenza tiegħi nnwassal il-vuċi ta' Malta u nippromwovi l-interessi nazzjonali tagħna.

Dmir ieħor li nħoss li għandi huwa li nassisti lill-**Maltin li jżuru s-Seychelles** u għalhekk inkun disponibbli biex ngħin lill-Maltin li jżuru l-pajjiż u jeħtieġu l-għajnuna ; kemm għal skopijiet ta' turiżmu kif ukoll għal affarijiet relatati ma' kwistjonijiet konsulari jekk ikun hemm bżonn.

F'ħidma dejjem mal-Ministeru tiegħi, fejn mitlub insaħħaħ il-kooperazzjoni f'fora internazzjonali. Malta u s-Seychelles, bħala żewġ stati żgħar b'viżjoni globali, jaqsmu interessi komuni f'istituzzjonijiet bħall-Commonwealth u n-Nazzjonijiet Uniti. F'dan il-kuntest, naħdem biex insaħħu l-kollaborazzjoni u nippromwovu l-valuri komuni tagħna.

Fil-qosor, ir-rwol tiegħi huwa li nservi ta' pont strateġiku bejn Malta u s-Seychelles, billi niffaċilita d-djalogu, nippromwovi opportunitajiet ta' koperazzjoni, u nsaħħaħ is-sħubija bejn iż-żewġ pajjiżi f'diversi oqsma ta' interess komuni.

2. Tista' tindika, fl-opinjoni tiegħek, liema huma l-isfidi prinċipali fir-relazzjonijiet bejn Malta u s- Seychelles?

Ir-relazzjonijiet bejn Malta u s-Seychelles huma pożittivi u b'saħħithom, iżda, bħal f'kull sħubija internazzjonali, hemm ċerti sfidi li jistgħu jiġu indirizzati biex jissaħħu aktar.

Fost l-isfidi prinċipali, evidentament għandna **d-distanza ġeografika**. Għalkemm hemm qrubija kif semmejt f'ħafna oqsma bħal fatt li aħna gżejjer, il-fatt li qegħdin fil-commonwealth u oħrajn, kemm Malta kif ukoll is-Seychelles huma gżejjer żgħar f'żoni ġeografiċi differenti, u dan jista' jagħmilha aktar diffiċli biex jissaħħu l-iskambji diretti, kemm ekonomiċi kif ukoll kulturali.

Il-fatt li nuża t-teknoloġija b'mod tajjeb dan ser ikun għalija ta' vantaġġ. Kemm waqt l-istudju tiegħi tad-dottorat kif ukoll f'diversi proġetti li ħdimt fihom, kelli laqgħat wiċċ imb'wiċċ, għaliex dak il-kuntatt uman huwa importanti fuq diversi livelli, imma mbagħad sar ħafna xogħol online.

Kif diġa semmejt aktar `il fuq iż-żewġ pajjiżi huma vulnerabbli għat-**tibdil fil-klima u l-impatti tiegħu** fuq is-settur turistiku u marittimu. Jeħtieġ aktar sforz biex tiġi mwettqa azzjoni koordinata u jingħata appoġġ lil xulxin f'fora internazzjonali dwar dawn il-kwistjonijiet.

Għalkemm hemm opportunitajiet ta' kollaborazzjoni, il-kummerċ bejn iż-żewġ pajjiżi għandu diversi sfidi. Sfida ewlenija hija kif niżviluppaw aktar il-konnessjonijiet ekonomiċi u nidentifikaw oqsma fejn nistgħu naħdmu flimkien biex inżidu l-investiment reċiproku.

Fl-aħħar nett, f'dak li għandu x'jaqsam ma' **kollaborazzjoni multilaterali**, għalkemm iż-żewġ pajjiżi jaħdmu flimkien f'organizzazzjonijiet bħall-Commonwealth u n-Nazzjonijiet Uniti, hemm sfida li nkabbru l-impatt tal-vuċi tagħna f'dawn il-fora biex nipproteġu l-interessi ta' pajjiżi żgħar.

Għalkemm dawn huma sfidi reali, jirrappreżentaw ukoll opportunitajiet għal Malta u s-Seychelles biex isaħħu r-relazzjonijiet tagħhom u jidentifikaw oqsma ġodda ta' kollaborazzjoni.

Barra minn hekk, il-promozzjoni ta' skambji edukattivi u opportunitajiet ta' riċerka konġunta tista' tikkontribwixxi għat-tisħiħ tar-relazzjonijiet bejn iż-żewġ pajjiżi, filwaqt li toħloq ambjent favorevoli għall-innovazzjoni.

3. Tista' tispjega x'inhuma l-pożizzjonijiet u interessi komuni li aħna nħaddnu mas-Seychelles?

Malta u s-Seychelles jħaddnu pożizzjonijiet u interessi komuni f'diversi oqsma strateġiċi, li jsaħħu l-kooperazzjoni reċiproka kemm fuq livell bilaterali kif ukoll f'fora internazzjonali. Iż-żewġ pajjiżi huma impenjati favur **is-sostenibbiltà ambjentali u l-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, jagħtu importanzal-ekonomija l-ħadra u l-protezzjoni tal-oċeani**. Bħala membri attivi tal-**Commonwealth** u organizzazzjonijiet multilaterali, jaħdmu flimkien fuq kwistjonijiet bħall-iżvilupp sostenibbli, id-drittijiet tal-bniedem u l-governanza tajba. Fl-istess ħin, l-is-**settur marittimu** huwa ta' importanza kruċjali għalihom, peress li t-tnejn għandhom ġeografija marittima strateġika u jaħdmu biex isaħħu l-governanza tal-oċeani, l-iżvilupp tas-settur marittimu u l-ġlieda kontra l-kriminalità marittima. Il-**kummerċ u t-turiżmu** huma oqsma oħra b'potenzjal ta' kollaborazzjoni, fejn iż-żewġ pajjiżi jistgħu jibbenefikaw minn skambji ta' esperjenza, strateġiji ta' kummerċjalizzazzjoni u inizjattivi konġunti biex jippromwovu t-**turiżmu sostenibbli** u jattiraw investiment ġdid. Barra minn hekk, l-edukazzjoni u l-iskambji kulturali jistgħu jservu ta' mezz biex jinbnew rabtiet aktar b'saħħithom bejn il-popli taż-żewġ nazzjonijiet, permezz ta' programmi ta' taħriġ vokazzjonali u kollaborazzjonijiet fl-edukazzjoni ogħla. B'dawn il-valuri u l-prijoritajiet komuni, Malta u s-Seychelles jistgħu jkomplu jibnu sħubija b'saħħitha u profittabbli fuq diversi livelli.

Fl-aħħar nett nara li Malta tista' sservi ta' point kemm għal Seychelles fi programmi tal-Unjoni Ewropeja kif ukoll kif ukoll nara lil Seychelles bħala tieqa għall-kumpaniji Maltin għas-swieq Afrikani.

4. X'preparazzjoni u formazzjoni għandek fi ħdan korp diplomatiku? Qatt ġejt assenjat ġewwa ambaxxata jew irċevejt xi forma ta' taħriġ fid-diplomazija?

Kif weġibt lill-membri tal-Gvern (għal mistoqsija numru 10), għalkemm ma għandi l-ebda esperjenza diretta fil-Korp Diplomatiku, il-karriera tiegħi dejjem inkludiet dimensjoni Ewropea u Internazzjonali.

Fl-2011, ħadt sehem fil-proġett **British Connecting Classroom**, fejn ikkollaborajt ma' pajjiżi bħall-Irlanda, Ċipru u l-Ukrajna. Fiż-żona tan-Nazzjonijiet Uniti f'Nicosia, tgħallimt dwar id-differenzi kulturali u l-possibbiltà ta' soluzzjonijiet komuni.

Matul is-snin, ħdimt fil-qasam tal-eLearning u l-Litteriżmu Diġitali, b'involviment fl-eTwinning, il-European School Education Platform, u l-**European Schoolnet**, fejn irrappreżentajt lill-Ministeru tiegħi fiż-żewġ working groups ewlenin dwar Ċittadinanza Diġitali u Innovative Classrooms.

Barra minn hekk, ħadt sehem f'diversi proġetti **Erasmus+**, fosthom Facts4All, fejn ħloqna MOOC dwar l-identifikazzjoni ta' informazzjoni falza. Fl-aħħar snin, permezz tal-**Asia-Europe Foundation**, żort is-Slovenja (2023) u l-Filippini (2024), esperjenzi li kabbru l-perspettiva internazzjonali tiegħi.

Kont ukoll **Segretarju Internazzjonali tal-Għaqda Poeti Maltin**, fejn ikkollaborajt ma' diversi pajjiżi, fosthom l-Italja, l-Awstralja u r-Renju Unit, u organiżżajt l-inizjattiva "Mitt Elf Poeta għall-Paċi".

L-esperjenza personali ta' safar kemm fl-Asja kif ukoll fl-Ewropa kif ukoll ta' interess fil-politika internazzjonali u anke fid-diplomazija ukoll se tgħinni ħafna fil-ħidma tiegħi.

5. Tista' tinforma lill-kumitat jekk diġà kellekx żjarat fis-Seychelles u jekk għandekx xi rabtiet jew investimenti kummerċjali fis-Seychelles?

S'issa ma kellix żjarat fis-Seychelles u m'għandix rabtiet jew investimenti kummerċjali fis-Seychelles.

6. Qatt kont involut f'negozjati, trattati jew f'dikjarazzjonijiet fl-interess ta' pajjiżna ma' pajjiżi oħra?

Qatt ma' kont involut f'negozjati, trattati jew f'dikjarazzjonijiet fl-interess ta' pajjiżna ma' pajjiżi oħra

7. Tista' tindika jekk kontx impjegat mal-Istat Malti u, jekk iva, f'liema dipartiment/awtorità/entità?

Jiena naħdem fid-Direttorat tal-Litteriżmu Diġitali fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni, Sport, Żgħażagħ, Riċerka u Innovazzjoni. Fost ir-rwoli ewlenin li kelli f'dan l-aħħar snin kienu s-sehem tiegħi fl-Strateġija għall-Litteriżmu Diġitali 2025-2030, ħloqt u kont qed nieħu ħsieb is-sit elettroniku tad-Direttorat, iċ-ċerimonja ta' rikonoxximent għal proġetti mill-għalliema, u fuq kollox it-taħriġ professjonali lill-edukaturi.

8. Tista' tindika jekk qatt kontx parti minn Segretarjat ta' Ministru jew Segretarju Parlamentari jew jekk ħdimtx fil-qrib tagħhom f'dawn l-aħħar snin?

Qatt ma kont parti minn Segretarjat ta' Ministru jew Segretarju Parlamentari. Dejjem ħdimt bħala uffiċjal pubbliku fi ħdan is-Settur Pubbliku.

9. Tista' tindika x'karigi tokkupa fil-preżent u liema minnhom beħsiebek iżomm f'każ li tiġi maħtur bħala Ambaxxatur ta' Malta mhux residenti għas-Seychelles?

Jiena Uffiċjal Edukattiv u l-ħsieb tiegħi huwa li nżomm din il-kariga meta niġi maħtur bħala Ambaxxatur ta' Malta mhux residenti għas-Seychelles.

10. Tista’ tindika jekk fil-preżent għandekx attivitajiet kummerċjali? Tista’ tindika jekk dawn humiex ser ikunu f’xi kunflitt f’każ li tiġi maħtur Ambaxxatur ta’ Malta mhux residenti għas-Seychelles?

M’għandix attivitajiet kummerċjali u għaldaqstant m’għandi ebda kunflitt.

11. Tista’ tiddikjara jekk għandekx xi kunflitt ta’ interess f’din il-ħatra tiegħek?

Niddikjara li m’għandi ebda kunflitt ta’ interess f’din il-ħatra tiegħi.

12. Tista’ tiddikjara jekk għandekx passaport jew ċittadinanza ta’ pajjiż ieħor?

M’għandix passaport jew ċittadinanza ta’ pajjiżi oħrajn.